MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 806/2005/1

**Oliver de Giorgio-Miller**

**v.**

**Synergene Holdings Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Settembru, 2005 l-attur ippremetta li s-socjeta` konvenuta Synergene Holdings Limited kienet

inkarigat lill-attur Oliver de Giorgio-Miller sabiex jaghtiha servizzi professjonali in konnessjoni man-negozju taghha u ma xi zviluppi li xtaqet taghmel; illi l-kumpannija intrabtet li thallas direttament lill-attur is-somma ta' ghaxart elef dollaru Amerikan kif ukoll li tirrimborsa l-ispejjez minnu inkorsi; illi l-konvenuta ghandha taghti lill-attur is-somma ta' hmistax-il elf u tmintax-il lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (LM15,018.46) rappresentanti arretrati tal-hlas mensili lilu dovut kif ukoll in rigward ta' spejjez minnu nkorsi u dan skond statement of account accettata mill-kumpannija konvenuta; illi l-konvenuta accettat li din is-somma hi fil-fatt dovuta u f'dan ir-rigward intbaghtet ittra datata 4 ta' April 2005 fejn il-konvenuta intrabtet li tissalda dan l-ammont sa l-ahhar ta' April, 2005; illi stante li l-hlas baqa' ma sarx fid-9 ta' Mejju 2005 l-attur baghat ittra ufficjali permezz ta' liema talab il-hlas; ghal din l-ittra l-kumpannija konvenuta irrispondiet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; illi l-kumpannija konvenuta baqghet ma wettqet l-ebda hlas u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; illi t-talbiet attrici huma certi, likwidi u dovuti u l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni valida fil-ligi x'jaghtu sabiex permezz taghha jopponu t-talbiet attrici; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:

1. tipprocedi bis-smigh ta' din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skond il-procedura preskritta fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tordna u tikkundanna l-istess socjeta` konvenuta thallas, l-ammont ta' hmistax-il elf u tmintax-il lira maltija u hamsa u erbghin centezmu (LM15,018.45), somma bilancjali dovuta lill-attur Oliver de Giorgio-Miller kif premess brevement f'din ic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni annessa, flimkien ma' l-imghax mid-data tad-debitu sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Mejju 2005, kif ukoll ta' l-atti kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma din il-kawza, kif ukoll inkluz ammont ragjonevoli li din il-Qort joghgobha tillikwida, rapprezentanti l-ispejjez inkorsi mill-attur fil-komunikazzjonijiet ma' l-avukat tieghu f'Malta u fl-ispejjez inkorsi sabiex jivvjagga Malta biex jiltaqa' mal-kontro-parti u sabiex jipprezenta u jattendi ghall-kawza minnu

promosssa kontra l-istess konvenuti, li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

B’sentenza moghtija fil-11 ta’ Ottubru 2005 il-Prim Awla tal-Qorti Civili wara li rat li c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta` konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u lanqas dehret quddiem il-Qorti meta ssejhet il-kawza u b’hekk baqghet kontumaci; wara li semghet id-dikjarazzjoni ta’ l-attur u l-avukat ta’ l-attur u wara li ezaminat l-atti tal-kawza, osservat li mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati u misthoqqa; u b’hekk fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta dik il-Qorti iddecidiet billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur kif dedotti fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u b’rikors ipprezentat fit-28 ta’ Ottubru, 2005 talbet li din il-Qorti tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata tal-11 ta’ Ottubru 2005 u tirrimetti l-atti lill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili ghall-kontinwazzjoni sabiex il-kawza tigi trattata u deciza fil-meritu bil-beneficcju tad-*doppio esame.*

L-attur ipprezenta risposta ghall-appell tas-socjeta` konvenuta fejn filwaqt li ssottometta li s-sentenza appellata hija gusta u korretta fil-ligi u fil-fat, talab li din tigi konfermata u l-appell michud u dikjarat frivolu u vessatorju.

**L-aggravju tas-socjeta` konvenuta.**

Jidher li s-socjeta` konvenuta qedha tressaq aggravju wiehed li, kif jinghad fir-rikors ta’ l-appell: “*jikkonsisti fil-fatt illi l-attur naqas li jiehu hsieb li jigu notifikati lis-socjeta` konvenuta kopja tac-citazzjoni u tad-dikjarazzjoni u tad-dokumenti annessi mac-citazzjoni kif jirrikjedu tassattivament u flimkien l-artikoli 157, 169, 169A, 181A(2), u 187(1) u 187(4) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.”*

**Ikkunsidrat:**

Il-kwistjoni kollha li tinsab quddiem din il-Qorti tikkoncerna n-notifika tas-socjeta` konvenuta qabel ma inghatat is-sentenza appellata. Irrizulta li meta l-Marixxal tal-Qorti kiteb ir-riferta tan-notifika sar zball billi hemm indika bhala l-persuna notifikata certu Kevin Cachia jew Kevin Cauchi. Persuna b'dan l-isem ma hemmx mas-socjeta` konvenuta. Kien ghalhekk li f'dana l-istadju ta' l-appell tressaq il-Marixxal biex jiddeponi, wara li jaghmel il-verifiki tieghu man-notamenti li jkun zamm; u minn din id-depozizzjoni rrizulta li fir-riferta kien sar zball billi l-isem tal-persuna li accettat in-notifika tac-citazzjoni u l-atti relativi kienet certu Kevin Camilleri li ghandu l-posizzjoni ta' "Operations Manager" fi hdan is-Synergene Biotechnology Group, kif jirrizulta mill-estratt li d-difensur ta' l-attur ottjena minn fuq l-Internet.

Il-proceduri gew istitwiti u eventwalment gew decizi kontra s-socjeta` Synergene Holdings Limited. Din is-socjeta` ma hi xejn hlief "*holding company*" ta' diversi socjetajiet ohra li jgibu l-isem Synergene li pero` ghandhom funzjonijiet differenti. Infatti mill-estratt fuq imsemmi dan il-group ta' kumpaniji jidher li huwa maghruf bhala Synergene Biotechnology Group li ghandu l-ghanijiet hemm indikati. L-istess "holding company" ghalhekk ma ghandhiex funzjoni kummercjali *per se* billi kif jinghad fl-ewwel paragrafu ta' l-"Objects" ta' l-istess kumpannija l-iskop principali taghha huwa "*to carry on the business of a holding company of companies providing or carrying on biotechnology-related services and activities ….*"

Jirrizulta li fil-Group in kwistjoni l-istess Kevin Camilleri gie indikat bhala Operations Manager u cioe` persuna <u>impjegata</u> mal-'*group*' b'responsabbilita` ghall-operazzjonijiet kollha ta' l-istess '*group*'. Wiehed ghalhekk necessarjament jikkonkludi li din kienet persuna idonea biex tircievi l-atti tal-Qorti anke jekk dawn gew indirizzati u notifikati f'indirizz differenti minn dak tal-"holding company", u dan peress li l-istess Camilleri ghandu jitqies li hu mhux biss impjegat ta' din il-"holding company", izda

wkoll persuna "fis-servizz" (subartikoli (1) u (4)(b) ta' l-Artikolu 187 tal-Kap. 12) tal-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 181A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Kien jispetta lill-istess Camilleri li jagixxi b'mod adegwat sabiex, fil-kapacita` tieghu ta' "Operations Manager" tal-"*group"* kollu (u ghalhekk "impjegat" u "fis-servizz", kif fuq inghad, anke tal-"holding company") jara li jissalvagwardja l-interessi tas-socjeta` konvenuta. Dan ma ghamlux u ghalhekk illum ma jistax iressaq ebda skuzanti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------